



# SKEDA INFORMATTIVA TEMATIKA

## TAS-SEMESTRU EWROPEW

### IL-ĠLIEDA KONTRA L-KORRUZZJONI

#### 1. INTRODUZZJONI

Il-korruzzjoni hija ta' xkiel għat-tkabbir ekonomiku. Billi tiddevja r-riżorsi lil hinn mill-eżiti ekonomikament produttivi, iddgħajjef l-effiċjenza tan-nefqa pubblika. B'mod partikolari meta r-riżorsi pubbliċi jkunu limitati, il-korruzzjoni ddgħajjef ukoll is-sostenibbiltà tal-baġits pubbliċi u tnaqqas il-fondi pubbliċi għall-investment. F'xenarji ta' defiċit, l-ispiża tal-manutenzjoni ta' dak il-porzjon tad-dejn li jirriżulta mill-korruzzjoni għandha impatt ulterjuri fit-tul fuq il-fondi pubbliċi.

Ġie stmat li l-korruzzjoni weħidha tiswa lill-ekonomija tal-UE €120 biljun fis-sena, ftit inqas mill-baġit annwali tal-Unjoni Ewropea<sup>1</sup>. Minħabba li l-korruzzjoni u r-rati baxxi ta' tkabbir inklużiv jissaħħu b'mod reċiproku, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni hija importanti ħafna sabiex ir-riformi strutturali jkunu sostenibbli. Il-pubbliku ġenerali u n-negozji jistennew li l-UE u l-Istati Membri jiproteġu l-ekonomija kontra l-kriminalità organizzata, il-frodi fiskali u finanzjarja, il-ħasil tal-flus u l-korruzzjoni.

---

<sup>1</sup> L-ispejjeż ekonomiċi totali tal-korruzzjoni ma jistgħux jiġu kkalkolati faċilment. Iċ-ċifra ċċitata hija bbażata fuq estimi minn istituzzjonijiet u korpi speċjalizzati, bħall-Kamra Internazzjonali tal-Kummerċ, Transparency International, il-Patt Globali tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Forum Ekonomiku Dinji, Clean Business is Good Business 2009, li jissuġġerixxu li l-korruzzjoni tammonta għal 5 % tal-PDG fil-livell dinji.

Fl-ambjent tan-negozju, il-korruzzjoni toħloq inċertezza, tnaqqas ir-ritmu tal-proċessi u potenzjalment timponi spejjeż addizzjonali. Din tagħmel post inqas attraenti sabiex isir in-negozju fih u, għalhekk, tnaqqas l-investment privat u l-kompetittività u ma tħallix lill-ekonomija tissodisfa l-potenzjal tagħha. Il-korruzzjoni taġixxi wkoll bħala diżinċentiv għall-kontribwenti sabiex iħallsu t-taxxi. Dan kollu flimkien għandu effett indirett fuq il-finanzi tas-settur pubbliku, inaqas id-dħul mit-taxxa u jillimita aktar il-kapaċità tas-settur pubbliku li jinvesti.

Id-disponibbiltà ta' inqas riżorsi bħala riżultat ta' prassi korrotta tista' tkun detrimental għall-protezzjoni soċjali u għas-servizzi pubbliċi minħabba li tnaqqas il-baġit disponibbli u tfixxkel l-aċċess ekwu għas-servizzi pubbliċi<sup>2</sup>. Maż-żmien, il-korruzzjoni tkattar u tappfondixxi l-inugwaljanzi soċjali, tnaqqas il-fiduċja fl-istat u fl-istituzzjonijiet u l-gvernijiet. Fl-aħħar nett, f'każijiet estremi, il-korruzzjoni tista' tkun theddida għad-demokrazija nnifisha.

L-ispiża soċjali vera tal-korruzzjoni ma tistax titkejjel sempliċement bl-ammont ta' tixħim imħallas jew fondi pubbliċi ddevjati. Hija tinkludi wkoll it-telf tal-produzzjoni minħabba l-allokazzjoni ħażina tar-riżorsi, id-distorsjoni tal-inċentivi u ineffiċjenzi oħrajn ikkawżati mill-korruzzjoni. Il-korruzzjoni tista'

---

<sup>2</sup> Gupta et al. (2002), Olken (2006).

tikkawża wkoll effetti negattivi fuq id-distribuzzjoni tal-introjtu u tinjora l-ħarsien tal-ambjent. Aktar importanti minn hekk, il-korruzzjoni timmina l-fiduċja f'istituzzjonijiet leġittimi, tnaqqas il-kapaċità tagħhom li jipprovdu servizzi pubbliċi adegwati u ambjent li jwassal għall-iżvilupp fis-settur privat. F'każijiet estremi, hija tista' tinvolvi d-deleġittimizzazzjoni tal-istat, li twassal għal instabbiltà politika u ekonomika. L-inċertezza li tirriżulta tiskoraġġixxi l-impenn kummerċjali privat għal strateġija ta' żvilupp fit-tul, sabiex b'hekk isir aktar diffiċli li jinkiseb żvilupp sostenibbli.

Sors: OECD (2013) 'Issue Paper: Corruption and Economic Growth'

B'kuntrast, aktar trasparenza u integrità fis-settur pubbliku joħolqu inqas opportunitajiet għall-korruzzjoni. Dan ifisser aktar kompetittività, għbir tat-taxxa u nefqa pubblika b'mod aktar effiċjenti u konsolidazzjoni tal-istat tad-dritt. B'riżultat ta' dan, il-kompetizzjoni fis-suq għall-oġġetti u s-servizzi titjeb hekk kif l-ostakoli għall-kummerċ u l-investment jonqsu.

'Abbuż ta' poter għal gwadann privat' huwa definizzjoni aċċettata b'mod wiesa' tal-korruzzjoni. Filwaqt li dan jinkludi wkoll is-settur privat<sup>3</sup>, il-korruzzjoni ġeneralment tinftiehem bħala li tkopri l-użu ħażin tal-pożizzjoni ta' persuna fi jew tar-rabtiet mal-amministrazzjoni pubblika sabiex jiġu garantiti benefiċċji żejda għal persuna jew għal parti terza. Korruzzjoni kbira tinvolvi skambji bejn l-oġġla livelli ta' amministrazzjonijiet nazzjonali u lokali, l-uffiċjali għolja tal-partiti politiċi, il-politiċi eletti u l-interessi tas-settur privat. Korruzzjoni burokratika sseħħ fl-interazzjoni bejn l-aktar livelli baxxi tal-amministrazzjoni pubblika u ċittadini individwali.

Rieda politika ġenwina hija kundizzjoni essenzjali għal riforma nazzjonali effettiva fit-tul. Dan ifisser għarfien dwar

<sup>3</sup> Ara d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2003/568/ĠAI tat-22 ta' Lulju 2003 dwar *Il-Ġlieda Kontra l-Korruzzjoni fis-Settur Privat*.

kwistjonijiet ta' korruzzjoni f'livell politiku, il-prijoritizzazzjoni tar-riżorsi sabiex jiġu infurzati l-politiki kontra l-korruzzjoni, l-iffissar ta' objettivi ċari u tanġibbli u l-ħolqien ta' klima ġenerali ta' kontabilità politika. Il-miżuri maħsuba biex inaqqsu l-korruzzjoni, il-kunflitt ta' interess u l-favoritiżmu għandhom ikunu marbuta ma' bidliet strutturali u kulturali profondi fil-korpi pubbliċi u fis-soċjetà usa', minflok sempliċiment tiġi adottata leġiżlazzjoni u tiġi żgurata l-konformità formalistika magħha. Għalkemm il-leġiżlazzjoni kontra l-korruzzjoni hija meħtieġa, l-isfida ewlenija tinsab l-aktar fl-implimentazzjoni tagħha. Il-korruzzjoni jista' jkollha impatt kemm fuq il-politiki u l-fondi nazzjonali kif ukoll fuq dawk tal-UE. Dan huwa rifless fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea li jirrikonoxxi l-korruzzjoni bħala qasam ta' kriminalità fejn l-UE jista' jkollha bżonn ta' għajnejha fuq bażi komuni<sup>4</sup>.

Minbarra li għamlet aktar enfasi fuq il-korruzzjoni fir-rapporti u r-rakkomandazzjonijiet tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni appoġġjat l-isforzi tar-riforma fl-Istati Membri billi ppubblikat ir-Rapport tal-UE Kontra l-Korruzzjoni<sup>5</sup> u organizzat sessjonijiet ta' ħidma għall-kondiviżjoni tal-esperjenza<sup>6</sup> madwar l-UE għall-esperti dwar suġġetti rilevanti. Sett ta' għodod dwar il-kwalità tal-amministrazzjoni pubblika, kif muri minn kważi 170 studju ta' każijiet, jgħin lill-prattikanti jipromwovu l-integrità<sup>7</sup>.

Għadd ta' aspetti li huma rilevanti wkoll għall-korruzzjoni, bħall-amministrazzjoni

<sup>4</sup> L-Artikolu 83 tat-TFUE <http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A12008E083>.

<sup>5</sup> Rapport tal-UE Kontra l-Korruzzjoni, <http://ec.europa.eu/anti-corruption-report/>.

<sup>6</sup> Sessjonijiet ta' Ħidma għall-Kondiviżjoni tal-Esperjenza Kontra l-Korruzzjoni (Anti-corruption Experience Sharing Workshops) [https://ec.europa.eu/home-affairs/what-we-do/policies/organized-crime-and-human-trafficking/corruption/experience-sharing-programme\\_en](https://ec.europa.eu/home-affairs/what-we-do/policies/organized-crime-and-human-trafficking/corruption/experience-sharing-programme_en).

<sup>7</sup> Sett ta' għodod dwar il-kwalità tal-amministrazzjoni pubblika (Toolbox on the quality of public administration), <http://ec.europa.eu/esf/toolbox>.

pubblika u sistemi ġudizzjarji effettivi, huma ttrattati fi [skedi informattivi separati](#).

Din l-iskeda informattiva hija strutturata kif ġej: It-Taqsima 2 tanalizza s-sitwazzjoni attwali tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni fl-Istati Membri tal-UE u l-isfidi ewlenin warajha; It-Taqsima 3 teżamina d-diversi lievi ta' politika li jindirizzaw dawn l-isfidi; u t-Taqsima 4 tenfasizza xi eżempji ta' Prattika tajba fl-Istati Membri.

## 2. SFIDI EWLENIN

Il-korruzzjoni hija fenomenu kumpless b'dimensjonijiet ekonomiċi, soċjali, politiċi u kulturali. Rispons politiku effettiv għandu jkun ibbażat fuq l-evidenza dwar il-prevalenza u l-forom tagħha f'pajjiż partikolari, il-kundizzjonijiet li jippermettuha u l-inċentivi istituzzjonali u oħrajn li jistgħu jintużaw kontriha. Il-ġlieda kontra l-korruzzjoni ma tistax titnaqqas għal sett ta' miżuri standard ta' 'daqs wieħed tajjeb għal kulħadd'. Madankollu, sabiex rispons jirnexxi, għandu jkun hemm għodod fis-seħħ li jipprevjenu, jidentifikaw, irażżnu u jikkastigaw il-korruzzjoni.

### 2.1. Il-kejl tal-korruzzjoni

Sabiex tfassal strateġija għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni, huwa essenzjali li tifhem il-livell ta' korruzzjoni u l-forom li din tiegħu fi kwalunkwe pajjiż partikolari u tidentifika s-setturi f'riskju għoli u l-ixprunaturi warajha. Madankollu, il-ġbir ta' data kredibbli dwar il-livelli ta' korruzzjoni huwa sfida partikolari, minħabba li l-korruzzjoni tiffjorixxi b'mod preċiż meta tibqa' moħbija. L-istatistika uffiċjali komparabbli bejn il-pajjiżi dwar reati ta' korruzzjoni hija skarsa. Il-ġbir esploratorju ta' statistika fil-livell tal-UE mill-Kummissjoni<sup>8</sup> fl-2015 żvela ħafna

<sup>8</sup> [http://ec.europa.eu/dgs/home-affairs/what-we-do/policies/organized-crime-and-human-trafficking/corruption/docs/official\\_corruption\\_statistics\\_2011\\_2013\\_jan\\_16\\_en.pdf](http://ec.europa.eu/dgs/home-affairs/what-we-do/policies/organized-crime-and-human-trafficking/corruption/docs/official_corruption_statistics_2011_2013_jan_16_en.pdf).

differenzi bejn l-Istati Membri f'termini tad-definizzjoni ta' reati, l-indikaturi disponibbli u l-metodoloġija għar-reġistrazzjoni tad-data.

Il-kejl tal-korruzzjoni huwa komputu kumpless. Il-korruzzjoni tvarja mill-biċċa l-kbira tal-aspetti li jikkarakterizzaw is-saħħa u l-ġid ta' kwalunkwe ekonomija, li jistgħu jitkejlu permezz ta' indikaturi ekonometriċi oġġettivi. Filwaqt li huwa possibbli li *tivvaluta* s-sitwazzjoni, ġeneralment ma jkunx possibbli li tikkwantifika l-ambitu sħiħ tal-problema.

Għalhekk, il-valutazzjonijiet kwantitattivi jiddependu fuq s'ħarrig ta' kampjuni ta' esperjenzi ta' korruzzjoni, flimkien ma' valutazzjonijiet esperti bbażati fuq ir-riċerka. Tradizzjonalment, dawn il-valutazzjonijiet esperti ntużaw flimkien ma' analiżijiet tal-karatteristiċi sistemiċi li jaffettwaw ir-riskji ta' korruzzjoni jew is-salvagwardji kontra dawn ir-riskji fis-seħħ f'ambjenti differenti. L-istħarriġ tal-opinjoni dwar il-perċezzjonijiet jipprovdi wkoll indikazzjoni importanti tan-natura pervażiva tal-problema maż-żmien. Meta n-negozji jew il-pubbliku ġenerali jipperċepixxu l-korruzzjoni bħala waħda mifruxa, din tista' taġixxi bħala ostakolu importanti għall-investment fih innifsu, minħabba li tkabbar l-effetti tal-korruzzjoni fuq l-ekonomija<sup>9</sup>.

Skont l-Ewrobarometru Flash tal-2015 dwar *L-attitudnijiet tan-negozji għall-korruzzjoni fl-UE (Businesses' attitudes to corruption in the EU)*<sup>10</sup>:

<sup>9</sup> Ir-riżultati ta' riċerka riċenti juru konsistenza bejn il-perċezzjoni tal-korruzzjoni u l-esperjenzi attwali tal-korruzzjoni. Charon, Nicholas (2015) '[Do corruption measures have a perception problem? Assessing the relationship between experiences and perceptions of corruption among citizens and experts](#)'. European Political Science Review. Volum 8, Hargha 1; Frar 2016, pp. 147-171.

<sup>10</sup> L-Ewrobarometru Flash tal-2015 dwar 'L-attitudnijiet tan-negozji għall-korruzzjoni fl-UE', [http://data.europa.eu/euodp/en/data/dataset/S2084\\_428\\_ENG](http://data.europa.eu/euodp/en/data/dataset/S2084_428_ENG).

- 40 % tal-kumpaniji fl-UE jgħidu li l-korruzzjoni hija problema għalhom meta jagħmlu n-negozju;
- 71 % tal-kumpaniji jgħidu li l-korruzzjoni hija mifruxa f'pajjiżhom;
- 44 % tar-rispondenti jgħidu li l-uniku mod biex tirnexxi fin-negozju huwa li jkollok konnessjonijiet politiċi;
- 34 % tal-kumpaniji li pparteċipaw f'offerta pubbliċi jew proċeduri għall-għoti ta' kuntratti fl-aħħar 3 snin

Meta mqabbel mal-2013, bħala medja, kien hemm titjib żgħir fil-perċezzjonijiet tal-livell ta' korruzzjoni fil-livell tal-UE (eż. illum il-ġurnata, 71 % jaħsbu li l-korruzzjoni hija mifruxa, meta mqabbel ma' 75 % fl-2013). Ir-riżultati fil-livell tal-Istati Membri jvarjaw b'mod konsiderevoli. Ix-xejra ġenerali hija li n-negozji jesperjenzaw u jipperċepixxu l-korruzzjoni aktar fin-nofsinar u l-lvant tal-Ewropa milli fit-tramuntana u l-punent tal-Ewropa.

Ir-riżultati huma fil-biċċa l-kbira korrelati ma' dawk f'indiċijiet komposti użati ħafna. Indiċi globali ta' dan it-tip li jiġi ċċitat ta' spiss huwa l-indiċi dwar il-perċezzjoni tal-korruzzjoni

ħassew li l-korruzzjoni waqqfithom milli jirbħu kuntratt;


- 68 % tal-kumpaniji qablu li l-favoritiżmu u l-korruzzjoni jfixxlu l-kompetizzjoni tan-negozju f'pajjiżhom;
- 4 % tan-negozji qalu li huma kienu ntalbu jew mistennija jħallsu tixħima sabiex jirċievu ċerti servizzi pubbliċi jew permessi f'dawn l-aħħar 12-il xahar.

ta' transparency international<sup>11</sup>, li jiġi kkalkolat bl-użu ta' 12-il sors ta' data minn 11-il istituzzjoni li jaqdbu l-perċezzjonijiet tal-korruzzjoni fis-sentejn preċedenti. Indiċi ieħor użat ħafna huwa l-indikator tal-'kontroll tal-korruzzjoni' prodott mill-Bank Dinji bħala parti mill-indikaturi tiegħu għall-governanza dinjija. Dawn l-indikaturi huma bbażati fuq bosta mijiet ta' varjabbli dwar perċezzjonijiet tal-governanza miksuba minn 31 sors ta' data differenti<sup>12</sup>. Ir-riżultati riċenti ta' dawn iż-żewġ stħarriġiet għall-Istati Membri tal-UE huma murija fil-figuri ta' hawn taħt.

<sup>11</sup> Indiċi dwar il-Perċezzjoni tal-Korruzzjoni, <https://www.transparency.org/research/cpi/overview>.


<sup>12</sup> Indikaturi tal-Governanza Dinjija <http://info.worldbank.org/governance/wgi/pdf/WGi.pdf>.

**Tabella 1 – L-indiċi CPI ta' Transparency International**



Sors: Transparency International<sup>13</sup>

**Tabella 2– Indikaturi tal-Kontroll tal-Korruzzjoni tal-Bank Dinji 2016**




<sup>13</sup> Indiċi dwar il-Perċezzjoni tal-Korruzzjoni, <https://www.transparency.org/research/cpi/overview>.

It-tielet studju li jintuża ta' spiss huwa r-Rapport dwar il-Kompetittività Globali<sup>15</sup>. Dan jiġi prodott kull sena mill-Forum Ekonomiku Dinji sabiex jiddetermina l-livell ta' produttività tal-ekonomiji madwar id-dinja u jinkludi numru ta' indikaturi li jiffokaw fuq istituzzjonijiet li huma rilevanti għar-riskji assoċjati mal-korruzzjoni. Il-punteġġi huma bbażati fuq it-tweġibiet tan-negozji għall-Istħarriġ tal-Opinjoni Eżekuttiva, ponderati sabiex iqisu d-daqs tal-kampjun u jinkludu tweġibiet mill-aħħar sentejn<sup>16</sup>.

Il-Figuri 3, 4 u 5 juru r-riżultati riċenti għall-Istati Membri tal-UE. Il-valuri oġġla jindikaw sitwazzjoni relattivament aħjar mill-valuri aktar baxxi.

**Tabella 3 – Pagamenti irregolari u tixħim, devjazzjoni ta' fondi pubbliċi u favoritiżmu fid-deċizzjonijiet meħuda minn uffiċjali tal-gvern**




Sors: Il-Forum Ekonomiku Dinji, Rapport dwar il-Kompetittività Globali

<sup>14</sup> Indikaturi tal-Governanza Dinjija  
<http://info.worldbank.org/governance/wgi/index.aspx>.

<sup>15</sup> Rapport dwar il-Kompetittività Globali 2016-2017  
<https://www.weforum.org/reports/the-global-competitiveness-report-2016-2017-1/>.


<sup>16</sup> <http://reports.weforum.org/global-competitiveness-index-2017-2018/>.

Tabella 4 – Devjazzjoni ta' fondi pubbliċi



Sors: *Il-Forum Ekonomiku Dinji, Rapport dwar il-Kompetittività Globali*

Tabella 5 – Favoritiżmu fid-deċiżjonijiet meħuda minn uffiċjali tal-gvern



Sors: *Il-Forum Ekonomiku Dinji, Rapport dwar il-Kompetittività Globali*

## 2.2. Prevenzjoni: it-tnaqqis tal-opportunitajiet għall-korruzzjoni

Il-prevenzjoni hija pilastru ewlieni fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni. Hawn Stati Membri stabbilixxew regoli u istituzzjonijiet speċifiċi sabiex jipprevjenu l-korruzzjoni u jtejbu l-integrità fis-settur pubbliku<sup>17</sup>.

Sfida ewlenija waħda fit-twettiq ta' ħidma ta' miżuri ta' prevenzjoni hija li jiġi żgurat li dawn ikunu bbażati fuq dijanjosi bir-reqqa tar-riskji u l-vulnerabbiltajiet. Il-miżuri ta' prevenzjoni għandhom ikunu mmirati lejn il-problemi li jfittxu li jirrimedjaw u jintużaw fejn ikun hemm hteġa reali. Inkella, dawn jistgħu jinbidlu f'eżerċizzju burokratiku sempliċi. Mingħajr implimentazzjoni u segwitu xierqa, anki l-aktar strateġija ta' prevenzjoni kumplessa tibqa' purament formalistika u jkollha ftit impatt fuq l-inkidenza tal-korruzzjoni.

Sfida oħra hija marbuta mal-frammentazzjoni. Hawn drabi, il-miżuri ta' prevenzjoni ma jwasslux għal riżultati viżibbli jekk ma jkunux parti minn approċċ komprensiv. Pereżempju, it-taħriġ dwar l-għarfien ftit ikollu effett jekk il-membri tal-persunal li jiffaċċjaw dilemmi ta' integrità ma jirċevux gwida u appoġġ kontinwi jew jekk it-taħriġ ma jkunx akkumpanjat minn riformi tas-servizz ċivili li jintroduċu r-reklutaġġ meritokratiku jew ir-rotazzjoni tal-persunal għal karigi sensitivi.

Fl-aħħar nett, is-sjieda u l-kontabilità huma importanti. Il-miżuri ta' prevenzjoni jistgħu jonqsu milli jipproduċu l-effetti mixtieqa jekk ma jkun hemm ebda linja ċara minn fuq u jekk ir-regoli ma jiġux infurzati fil-prattika. Strateġija ta' prevenzjoni effettiva tibda b'segwitu pront u proporzjonat għal inċidenti, inklużi proċedimenti dixxiplinarji fejn rilevanti, u l-immaniġġjar tal-midja u tal-komunikazzjoni f'konformità mas-sensittivitajiet involuti.

## 2.3. L-iżgurar ta' rispons effettiv tal-liġi kriminali għall-korruzzjoni


Il-Kunsill tal-Ewropa, in-Nazzjonijiet Uniti u l-UE stabbilixxew standards internazzjonali għall-kriminalizzazzjoni tal-korruzzjoni. Hawn Stati Membri introduċew riformi leġiżlattivi sostantivi b'rispons għal dawn l-istandards, sabiex jagħmlu l-proċeduri aktar effiċjenti u jsaħħu d-dispożizzjonijiet kontra l-korruzzjoni (inkluża definizzjoni aħjar tar-reati, f'xi każijiet sanzjonijiet oġhla u dispożizzjonijiet veloċi).

Minkejja dawn l-isforzi kontinwi, għad fadal ċerti sfidi f'xi Stati Membri. L-ewwel rieżami tal-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti Kontra l-Korruzzjoni mill-Istati Membri tal-UE juri li jeżistu għadd ta' sfidi.

**Tabella 6 – L-aktar sfidi frekwenti fl-implimentazzjoni tal-UNCAC fl-UE**

<sup>17</sup> Oħrajn għandhom oqfsa inqas sofistikati fis-seħħ, iżda jiffaċċjaw riskji aktar baxxi ta' korruzzjoni minħabba l-mekkaniżmi, il-prattiki jew it-tradizzjonijiet ta' prevenzjoni stabbiliti.






Sors: L-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti kontra d-Droga u l-Kriminalità

Minbarra d-dispożizzjonijiet legali nfushom, huwa wkoll importanti ħafna li l-istituzzjonijiet fdati bl-infurzar tagħhom jaħdmu b'mod effettiv u imparzjali. Huwa fundamentali li l-ġudikatura, il-prosekuzzjoni u l-korpi tal-infurzar tal-liġi jkunu indipendenti u jkollhom il-finanzjament, ir-riżorsi umani, il-kapaċità teknika u

l-professjonaliżmu meħtieġa. Bl-istess mod, l-ilħiġ tal-bilanċ xieraq bejn il-privileġġi u l-immunitajiet tal-uffiċjali pubbliċi u l-iżgurar li dawn ma jintużawx bħala ostakoli għal investigazzjoni u prosekuzzjoni effettivi tal-allegazzjonijiet ta' korruzzjoni għadhom kwistjoni ta' tħassib f'xi Stati Membri.

Tabella 7 – L-indipendenza ġudizzjarja



Sors: Indiċi tal-Kompetittività Globali tal-Forum Ekonomiku Dinji

Il-kapaċità ta' sistema ġudizzjarja li timponi sanzjonijiet kriminali dissważivi għandha rwol ta' deterrent kbir u hija evidenza ta' politika effettiva ta' tolleranza żero għall-korruzzjoni.

**L-akkwist pubbliku** huwa element sinifikanti tal-ekonomija nazzjonali fl-UE (ara [skeda informattiva separata](#)). Il-Kummissjoni stmat il-valur totali tas-sejthiet għall-offerti 'l fuq mil-limiti stabbiliti fid-Direttivi tal-UE dwar l-

## 2.4. Is-setturi ta' politika magħżula

Din it-taqsimha tkompli teżamina l-isfidi assoċjati ma' żewġ setturi speċifiċi: l-akkwist pubbliku u l-kura tas-saħħa. Oqsmha oħrajn ta' riskju għoli jinkludu setturi ekonomiċi bħall-industrija tal-konstruzzjoni u tal-estrazzjoni. Is-setturi fl-amministrazzjoni pubblika lokali l-aktar suxxettibbli għar-riskji ta' korruzzjoni jinkludu l-ippjanar u l-permessi tal-iżvilupp urban u d-deċiżjonijiet dwar l-immaniġġjar tal-iskart u t-tibdil fiż-żonar.

Kif innutat mill-OECD: "governanza dgħajfa tfixkel il-kompetizzjoni tas-suq u żżid il-prezz imħallas mill-amministrazzjoni għal oġġetti u servizzi, b'impatt dirett fuq nefqiet pubbliċi u għalhekk fuq ir-riżorsi ta' dawk li jħallsu t-taxxi."<sup>20</sup>

Studju tal-2013 ta' tmien Stati Membri kkonkluda li, fl-2010, l-ispejjeż diretti globali tal-korruzzjoni fl-akkwist pubbliku f'ħames setturi ekonomiċi magħżula kienu jvarjaw minn €1.4 biljun sa €2.2 biljun.

Studju riċenti jistma li l-ispiża annwali tal-korruzzjoni fl-akkwist pubbliku fl-Istati Membri tal-UE hija ta' €5.33 biljun<sup>21</sup>.

Ir-Rapport tal-UE Kontra l-Korruzzjoni (2014) ikkonkluda li l-akkwist pubbliku deher li huwa l-aktar vulnerabbli għall-korruzzjoni f'setturi bħall-konstruzzjoni, l-enerġija, it-trasport, id-difiża u l-kura tas-saħħa. Abbażi tal-prosekuzzjonijiet għall-korruzzjoni fl-akkwist pubbliku fl-Istati Membri, l-aktar problemi frekwenti jinsabu fl-istadju ta' qabel l-offerti.

akkwist<sup>18</sup> bħala li huwa ta' madwar 14 % tal-PDG tal-UE fl-2016<sup>19</sup>.

Minħabba l-livell ta' flussi finanzjarji ġenerati u l-interazzjoni mill-qrib bejn is-settur pubbliku u dak privat, l-akkwist pubbliku huwa vulnerabbli ħafna għall-korruzzjoni.

- l-abbozzar ta' speċifikazzjonijiet magħmula apposta sabiex jiffavorixxu lil ċerti offerenti;
- il-qsim tal-offerti pubbliċi f'offerti iżgħar sabiex jiġu evitati proċeduri kompetittivi;
- il-kunflitti ta' interess li jaffettwaw mhux biss lill-uffiċjali tal-akkwist, iżda wkoll lill-uffiċjali f'livell ogħla tal-awtoritajiet kontraenti;
- l-użu mhux ġustifikat ta' proċeduri ta' emerġenza jew eżenzjonijiet tal-offerti mill-pubblikazzjoni.

Madankollu, il-monitoraġġ u l-verifika dgħajfa tal-fażi ta' wara l-għoti jqajmu wkoll tħassib, li jħalli lok għal imġiba bħal ġustifikazzjoni insuffiċjenti għal emendi fil-kuntratti pubbliċi, modifika deliberata tal-kwalità tar-riżultati u l-ħlas ta' tanġenti.

Stħarriġ tal-Ewrobarometru tan-negozji tal-2015 jikkonferma li wħud minn dawn il-kwistjonijiet għadhom ta' tħassib għall-atturi ekonomiċi fl-Istati Membri tal-UE.

<sup>18</sup> Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku.

<sup>19</sup> Indikaturi tal-Akkwist Pubbliku


[http://ec.europa.eu/internal\\_market/scoreboard/performance\\_per\\_policy\\_area/public\\_procurement/index\\_en.htm#maincontentSec3](http://ec.europa.eu/internal_market/scoreboard/performance_per_policy_area/public_procurement/index_en.htm#maincontentSec3).

<sup>20</sup> OECD (2009) Il-Prinċipji għall-Integrità fl-Akkwist Pubbliku (Principles for Integrity in Public Procurement), <http://www.oecd.org/gov/ethics/48994520.pdf>.

<sup>21</sup> RAND Europe (2016) 'The Cost of Non-Europe in the area of Organised Crime and Corruption', RAND Europe. Dan l-istudju huwa bbażat fuq id-data [mill-Quality of Government Institute](#).

L-aktar prattiki komuni jinkludu:

**Tabella 8 – Il-perċezzjonijiet ta' kemm huma mifruxa l-prattiki ta' korruzzjoni fil-proċeduri ta' akkwist pubbliku**




Sors: L-Ewrobarometru Flash 428 (2015) L-attitudnijiet tan-negozji għall-korruzzjoni fl-UE (Business attitudes towards corruption in the EU)<sup>22</sup>.

L-użu ta' proċeduri ta' għoti nnegozjati u diretti huwa ovvjament ġustifikat f'ċerti ċirkostanzi. Madankollu, f'xi każijiet huma jintużaw speċifikament sabiex jevitaw proċeduri kompetittivi obligatorji. F'xi Stati Membri, l-użu ta' proċeduri mhux kompetittivi huwa ferm ogħla mill-medja tal-UE.

L-użu mhux ġustifikat ta' proċeduri nnegozjati jista' jżid ir-riskju ta' prassi korrotti. Bl-istess mod, l-offerti singoli fi swieq kompetittivi jistgħu jintużaw bħala indikazzjoni ta' riskji ta' korruzzjoni possibbli fl-akkwist pubbliku, speċjalment meta ssupplimentati minn bñadar ħomor oħrajn.

**Tabella 9 – Il-proporzjon tal-kuntratti li għalihom kien hemm offerta waħda (minbarra l-kuntratti qafas) 2006-2017**



<sup>22</sup> L-Ewrobarometru Flash 428 (2015) L-attitudnijiet tan-negozji għall-korruzzjoni fl-UE (Business attitudes towards corruption in the EU) <http://ec.europa.eu/COMMFrontOffice/PublicOpinion/index.cfm/Survey/getSurveyDetail/instrument/FLASH/surveyKy/2084>.

### 2.4.1. Il-korruzzjoni fil-kura tas-saħħa

Is-**settur tal-kura tas-saħħa** huwa wieħed mis-setturi fejn il-korruzzjoni burokratika hija riskju f'xi ċirkostanzi. Hija tiegħu l-forma ta' pagamenti mhux uffiċjali sabiex jinkiseb trattament differenzjat. Tali korruzzjoni tidher li hija mifruxa f'numru żgħir biss ta' Stati Membri tal-UE. Madankollu, fejn teżisti, din iġġib magħha konsegwenzi negattivi konsiderevoli għall-aċċess universali [għall-kura tas-saħħa](#). Diversi Stati Membri rnexxielhom jiksbu progress sinifikanti fis-sinjori riċenti. Xi Stati Membri rreġistraw il-progress fit-tnaqqis ta' pagamenti informali permezz ta' taħlita ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni attivi tal-kawżi u l-kopertura mill-midja. Filwaqt li l-kawżi ewlenin ta' dan il-fenomeno huma kumplessi, għal dawk il-pajjiżi l-aktar affettwati, huma jinkludu aċċettazzjoni ġenerali tat-tixħim bħala prattika stabbilita b'mod sod, pagi baxxi għall-professjonisti tas-saħħa, strutturi maniġerjali ineffettivi u mekkaniżmi ta' kontroll ineffettivi<sup>23</sup>. Il-frammentazzjoni tal-qafas legali tista' toħloq ukoll lakuni u inċertezza, li jippermettu li l-pagamenti informali jiffjorixxu.

L-istħarriġ tan-nies fl-UE dwar l-esperjenza diretta tagħhom bil-korruzzjoni jikkonferma din l-istampa, għalkemm għadd ta' Stati Membri għadhom qegħdin jissieltu mar-riskji ta' korruzzjoni sinifikanti fis-settur tal-kura tas-saħħa. Minbarra l-pagamenti informali, ir-riskji ta' korruzzjoni fil-kura tas-saħħa jikkonċernaw ukoll kwistjonijiet bħal aċċess privileġġat u prattika doppja<sup>24</sup>, kummerċjalizzazzjoni mhux xierqa, l-akkwist u ċ-ċertifikazzjoni

ta' apparat mediku u l-akkwist u l-awtorizzazzjoni ta' prodotti farmaċewtiċi<sup>25</sup>.

### 3. LIEVI TA' POLITIKA LI JINDIRIZZAW L-ISFIDI

**It-trasparenza u l-akkontabilità** huma diskutibbilment l-aktar ingredjenti importanti fil-minimizzazzjoni tal-korruzzjoni<sup>26</sup>. **L-integrità fl-elezzjonijiet u reġim ta' finanzjament trasparenti u akkontabbli tal-partiti politiċi** huma wkoll elementi ewlenin f'dan ir-rigward. **Il-prosekuzzjoni effettiva** tal-korruzzjoni, **il-proċessi ġusti** u l-applikazzjoni soda ta' **sentenzi dissważivi** għal reati relatati mal-korruzzjoni huma fundamentali fit-trawwim ta' deterrenza. **Protezzjoni legali effettiva tal-informaturi** u l-preżenza ta' **midja indipendenti u tas-soċjetà ċivili** huma partijiet essenzjali ta' qafas kontra l-korruzzjoni li rnexxa.

L-infurzar tal-liġi għandu jkun ikkomplementat minn politika ta' prevenzjoni soda, li tista' tiġi implimentata biss f'kuntest tal-kwalità mtejbja tal-kwalità tal-istituzzjonijiet u l-governanza tas-settur pubbliku.

Il-miżuri ta' politika xierqa jvarjaw minn pajjiż għall-ieħor. Il-miżuri dettaljati f'din it-taqsimha huma meħtieġa, iżda la huma eżawrjenti u lanqas garantiti sabiex tinqed il-korruzzjoni<sup>27</sup>. Kundizzjoni essenzjali għas-suċċess ta' kwalunkwe politika hija r-rieda politika minn fuq, kemm mill-politikanti eletti kif ukoll mill-uffiċjali maħtura. Għandu jkun hemm ukoll ġudikatura indipendenti u imparzjali li turi r-rieda u l-kapaċità li

<sup>23</sup> Ecorys (2017) Updated study on corruption in the healthcare sector.

[https://ec.europa.eu/home-affairs/e-library/documents/policies\\_en?policy=456](https://ec.europa.eu/home-affairs/e-library/documents/policies_en?policy=456)

<sup>24</sup> Prattika doppja tirreferi għat-tobba li jaħdmu f'faċilitajiet tas-saħħa kemm pubbliċi kif ukoll privati.

<sup>25</sup> Ara n-nota 23 f'qiegħ il-paġna.

<sup>26</sup> OECD (2013) 'Issue Paper: Corruption and Economic Growth'.

<sup>27</sup> Miżuri bħal dawn jiġu rakkomandati regolarment fl-evalwazzjonijiet bejn il-pari skont il-Grupp ta' Stati Kontra l-Korruzzjoni (GRECO) tal-Kunsill tal-Ewropa, il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti Kontra l-Korruzzjoni (UNCAC) u l-OECD.

tinvestiga, tipprosegwixxi u tikkastiga l-korruzzjoni.

It-tnaqqis tal-korruzzjoni jista' jinkiseb meta jkun hemm bidla kulturali reali fil-korpi pubbliċi u fis-soċjetà ġenerali. L-adozzjoni sempliċi tal-leġiżlazzjoni statutorja jew tal-miżuri amministrattivi mhijiex biżżejjed, iżda l-implimentazzjoni effettiva u sostenibbli tat-tnejn tagħmel differenza fl-indirizzar tal-korruzzjoni. Xi Stati Membri li ffaċċjaw sfidi serji fit-trattament tal-korruzzjoni stabbilixxew oqfsa legali u istituzzjonali kumplessi u sofistikati u adottaw bosta strateġiji jew programmi mmirati. Stati Membri oħrajn għandhom oqfsa inqas komprensivi fis-seħħ, iżda jiffaċċjaw riskji aktar baxxi ta' korruzzjoni. Dan huwa dovut għall-mekkaniżmi, il-prattiki jew it-tradizzjonijiet ta' prevenzjoni stabbiliti, pereżempju, l-involviment tal-fornituri u l-benefiċjarji ta' servizzi pubbliċi jew livelli għolja ta' trasparenza.

### 3.1. L-użu ta' politiki ta' prevenzjoni

It-trasparenza hija għodda partikolarment b'saħħitha fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni. Il-libertà tal-aċċess għall-informazzjoni ttejjeb il-governanza tajba u tgħin sabiex il-gvern isir aktar akkontabbli. F'oqfsa ta' riskju partikolari, bħall-kura tas-saħħa u l-akkwist pubbliku, id-divulgazzjoni proattiva u f'waqtha tad-data rilevanti f'format ċar u li jista' jiġi mfittex faċilment tista' telimina l-opportunitajiet ta' korruzzjoni sa ċertu punt u tippermetti s-sorveljanza ċivili tad-deċiżjonijiet ta' impatt finanzjarju għoli.

Hemm xejra ġenerali lejn gvern aktar miftuħ u d-disponibbiltà aktar wiesgħa tad-data pubblika. 21 Stat Membru tal-UE huma partijiet fis-Sħubija ta' Gvern Miftuħ, inizjattiva multilaterali li timmira li tiggarrantixxi impenji konkreti mill-gvernijiet sabiex jippromwovu t-trasparenza, jagħtu s-setgħa liċ-ċittadini, jiġġieldu l-korruzzjoni u jużaw teknoloġiji ġodda sabiex isaħħu l-governanza<sup>28</sup>.

<sup>28</sup> <http://www.opengovpartnership.org/about>

**Il-bini tal-integrità fl-amministrazzjoni pubblika**, inkluż permezz tat-tisħiħ tal-komponent **ibbażat fuq il-mertu**<sup>29</sup> u l-implimentazzjoni ta' politika effettiva ta' **prevenzjoni tal-korruzzjoni**, jirrikjedi l-indirizzar ta' kwistjonijiet bħall-kunflitt ta' interess, il-klijenteliżmu u l-favoritiżmu. Huwa biss permezz ta' dan li jista' jkun possibbli li jiġi evitat l-iżvilupp ta' ambjent li jwassal għal negozjar bil-moħbi f'influenza illegali bejn atturi pubbliċi u privati.

Fid-dinja kumplessa tat-tfassil tal-ordni pubbliku, l-amministrazzjonijiet pubbliċi jridu jinvolvu ruħhom fi djalogu kontinwu ma' partijiet ikkonċernati esterni sabiex jiżguraw li l-partijiet interessati kollha jkunu jistgħu jesprimu l-fehma tagħhom. Billi l-attivitajiet ta' lobbjar jistgħu jżidu r-riskju ta' korruzzjoni u manipulazzjoni tar-regolatur<sup>30</sup>, huwa mixtieq li jkun hemm mekkaniżmi fis-seħħ li jimmonitorjaw dawn l-attivitajiet u jiżguraw it-trasparenza, permezz tal-leġiżlazzjoni jew permezz ta' reġistrazzjoni volontarja tal-lobbijisti. Billi joħolqu ċarezza dwar ir-relazzjoni bejn l-awtoritajiet u l-partijiet ikkonċernati esterni, mekkaniżmi bħal dawn jistgħu jgħinu sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' korruzzjoni. Sa issa, huma relattivament ftit l-Istati Membri li ħadu passi bħal dawn, għalkemm xi wħud minnhom jew qegħdin jippjanaw xi leġiżlazzjonijiet jew regoli, jew inkella qegħdin jiddiskutu mekkaniżmi ġodda possibbli.

<sup>29</sup> Charron, N., Dahlström, C. & Lapuente, V. (2016) '[Measuring Meritocracy in the Public Sector in Europe](#)', Il-Ġurnal Ewropew dwar il-Politika Kriminali u r-Riċerka, Volum 22, Ħarġa 3, pp. 499-523.

<sup>30</sup> Dan it-terminu jirreferi għas-sitwazzjoni fejn, minflok jaġixxu fl-interess pubbliku, l-aġenziji statali b'kapaċitajiet regolatorji javvanzaw it-tħassib kummerċjali jew politiku ta' gruppi ta' interess speċjali li jiddominaw l-industrija speċifika jew is-settur li fih hija attiva l-aġenzija.

### 3.2. Mekkaniżmi sodi ta' verifika amministrattiva interna u esterna

Il-mekkaniżmi ta' verifika fi ħdan il-korpi pubbliċi għandhom rwol importanti fil-prevenzjoni u l-iskoperta tal-korruzzjoni. Filwaqt li l-infurzar tal-liġi huwa ta' importanza kbira fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni, il-korruzzjoni b'għeruw fil-fond tista' tiġi indirizzata b'mod effettiv biss permezz ta' approċċ komprensiv li jimmira li jżid il-mekkaniżmi ta' prevenzjoni u verifika fil-livelli kollha tal-amministrazzjoni pubblika. L-awtoritajiet tal-awditjar b'saħħithom u indipendenti jista' jkollhom rwol prominenti fl-avvanz tar-riformi kontra l-korruzzjoni, l-iżvilupp ta' analiżijiet tar-riskji ta' korruzzjoni u n-notifika ta' awtoritajiet rilevanti oħrajn ta' korruzzjoni suspettata. F'għadd ta' Stati Membri, il-verifiki interni (b'mod partikolari fil-livell lokali) għandhom dgħajfa u mhux ikkoordinati u jistgħu jissaħħu flimkien ma' politiki ta' prevenzjoni b'saħħithom sabiex jitwasslu riżultati tanġibbli u sostenibbli.

### 3.3. Dikjarazzjoni tal-assi u tal-imgħax

Id-dikjarazzjoni tal-assi għall-uffiċjali f'karigi sensittivi hija Prattika li tgħin sabiex tikkonsolida l-kontabbiltà tal-uffiċjali pubbliċi, tiżgura trasparenza aħjar u tagħmilha aktar faċli li jiġu skoperti każijiet potenzjali ta' arrikkiment illeċitu, kunflitti ta' interess, inkompatibbiltajiet u jiġu skoperti u investigati l-prassi korrotti potenzjali. Sistema effettiva għad-dikjarazzjoni tal-assi tista' tikkontribwixxi għal servizz pubbliku trasparenti li jgawdi livelli ogħla ta' fiduċja pubblika.

L-approċċi lejn id-dikjarazzjoni tal-assi għall-uffiċjali eletti jvarjaw mill-ħtieġa tad-divulgazzjoni ta' ammont konsiderevoli ta' informazzjoni, għal politiki aktar limitati ta' divulgazzjoni jew nuqqas ta' divulgazzjoni. Id-dikjarazzjoni tal-assi ma timplikax awtomatikament il-pubblikazzjoni, li għandha tkun ibbilanċjata mad-dritt għall-protezzjoni tad-data. Xi Stati Membri li japplikaw sistemi ta' dikjarazzjoni tal-assi ma jippubblikawx id-dikjarazzjonijiet tal-assi kollha. Madanakollu, huma jesigū li l-uffiċjali pubbliċi jissottomettu

dikjarazzjonijiet tal-assi dettaljati lill-awtoritajiet rilevanti. Għal uffiċjali pubbliċi professjonali f'ċerti setturi, id-dikjarazzjoni tal-assi tista' tkun triq 'il quddiem sabiex jiġu evitati l-kunflitti ta' interess. Fi ħdan dawn l-approċċi differenti, hemm xejra ġenerali lejn rekwiżiti aktar stretti ta' dikjarazzjoni tal-assi għall-uffiċjali pubbliċi.

Il-verifika hija ingredjent importanti fi kwalunkwe sistema effettiva ta' dikjarazzjoni tal-assi. F'xi Stati Membri, il-korpi inkarigati mill-monitoraġġ tad-dikjarazzjoni tal-assi għandhom setgħat u għodod limitati. F'oħrajn, ftit hemm evidenza ta' implimentazzjoni jew infurzar attivi ta' dawk ir-regoli. Fi ftit pajjiżi, is-sistema ta' verifika hija kumplessa u kkumplikata, li jnaqqsu l-effettività tagħha. Mhemmx ħafna Stati Membri li għandhom sistema ta' verifika bir-reqqa. F'dawk li għandhom, il-kontrolli sostanzjali jitwettqu minn aġenziji speċjalizzati u indipendenti ta' kontra l-korruzzjoni jew tal-integrità li għandhom is-setgħat u l-għodod meħtieġa sabiex jivverifikaw l-orijini tal-assi tal-uffiċjali pubbliċi kkonċernati kontra firxa wiesgħa ta' bażijiet ta' data (l-amministrazzjoni tat-taxxa, ir-reġistru tal-kummerċ, eċċ.) sabiex jidentifikaw dikjarazzjonijiet skorretti potenzjali.

### 3.4. L-indirizzar tal-kunflitti ta' interess

Il-kunflitti ta' interess fit-teħid tad-deċiżjonijiet, fl-allokazzjoni ta' fondi pubbliċi u fl-akkwist pubbliku, b'mod partikolari fil-livell lokali, jiffurmaw mudell rikorrenti f'ħafna Stati Membri. Il-kunflitti ta' interess jirriflettu sitwazzjoni fejn uffiċjali pubbliċi jaġixxu jew biħsiebhom jaġixxu jew joħolqu l-apparenza li qegħdin jaġixxu għall-benefiċċju ta' interess privat<sup>31</sup>. Għalhekk,

<sup>31</sup> Il-Kunsill tal-Ewropa ddefinixxa l-kunflitti ta' interess bħala sitwazzjoni 'fejn l-uffiċjal pubbliku għandu interess privat li huwa tali li jinfluenza jew jidher li qed jinfluenza l-prestazzjoni imparzjali u oġġettiva tal-kompiti uffiċjali tiegħu, bl-interess privat ikun mifhum li jfisser 'kwalunkwe vantaġġ għalih jew għaliha, għall-familja tiegħu jew tagħha, il-graba, ħbieb u persuni jew organizzazzjonijiet

il-kwistjoni ta' kunflitt ta' interess ġiet inkluża fil-kamp ta' applikazzjoni ta' firxa wiesgħa ta' strumenti kontra l-korruzzjoni u mekkaniżmi ta' valutazzjoni, inklużi dawk relatati mal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Korruzzjoni (UNCAC), GRECO u l-OECD.

Ir-regolamenti u s-sanzjonijiet applikabbli għall-kunflitti ta' interess ivarjaw madwar l-UE. Xi Stati Membri ddedikaw leġiżlazzjoni li tkopri firxa wiesgħa ta' uffiċjali pubbliċi eletti u maħtura, kif ukoll aġenziji speċjalizzati inkarigati biex iwettqu l-kontrolli.

Il-kunflitt ta' interess huwa indirizzat ukoll minn leġiżlazzjoni settorjali, bħal fl-akkwist pubbliku. Il-livell ta' skrutinju jvarja fost l-Istati Membri, b'xi wħud għandhom aġenziji ta' monitoraġġ indipendenti u oħrajn jiddependu fuq kummissjonijiet tal-etika li jirrapportaw lill-parlament tal-pajjiż.

Bħal bid-dikjarazzjoni tal-assi, huwa vitali li jiġu vverifikati d-dikjarazzjonijiet sabiex jiġu evitati b'mod effettiv il-kunflitti ta' interess. Dan ifisser kapaċità adegwata ta' monitoraġġ u l-għodod meħtieġa għal kontrolli effettivi. Id-diffikultajiet partikolari li jinqalgħu kumplessivament huma r-riżultat tas-sanzjonijiet skarsi u dgħajfa applikabbli għall-uffiċjali eletti.

Qasam partikolari ta' riskju jikkonċerna l-mobilità tal-forza tax-xogħol bejn is-setturi pubbliċi u privati. Il-projbizzjonijiet fuq ċerti attivitajiet għall-uffiċjali pubbliċi waqt li jkun fil-kariga jistgħu jgħinu jindirizzaw it-tfassib. Regoli ċari li jindirizzaw il-“fenomeni ta' revolving door” jinkludu perjodi ta' preklużjoni u implimentazzjoni effettiva ta' verifiki u ta' trasferimenti bejn iż-

---

li magħhom kellu jew kellha relazzjonijiet kummerċjali jew politiċi'.

Huwa jinkludi wkoll kwalunkwe obligazzjoni, kemm finanzjarja kif ukoll ċivili, relatata miegħu. Ara r-Rakkomandazzjoni Nru. R (2000) 10 tal-Kumitat tal-Ministri lill-Istati Membri dwar il-kodiċijiet ta' kondotta għall-uffiċjali eletti:

[http://www.coe.int/t/dghl/monitoring/greco/documents/Rec\(2000\)10\\_EN.pdf](http://www.coe.int/t/dghl/monitoring/greco/documents/Rec(2000)10_EN.pdf).

żewġ setturi, kif ukoll l-applikazzjoni ta' sanzjonijiet dissważivi għal trasgressjoni tar-regoli. Regoli bħal dawn huma essenzjali għall-promozzjoni tal-integrità u l-eliminazzjoni tal-opportunitajiet għal korruzzjoni.

### 3.5. Protezzjoni effettiva tal-informaturi

Il-protezzjoni tal-informaturi tgħin sabiex jiġu evitati u skoperti l-korruzzjoni u għemil ħażin ieħor fis-settur pubbliku u f'dak privat. F'xi Stati Membri tal-UE, in-normi kulturali xi drabi jiskoraġġixxu lill-membri tal-persunal milli jitkellmu. Il-protezzjoni tal-informaturi mhijiex biss kwistjoni ta' tħaddin tal-kunċett fid-dispożizzjonijiet legali — hija tikkonċerna bidla fil-kulturi fit-tul. Fuq terminu iqsar, il-pajjiżi jistgħu jadottaw u jimplementaw leġiżlazzjoni sabiex jagħmluha ċara li r-ritaljazżjoni kontra l-informaturi mhijiex ittollerata. Fl-2014, il-Kunsill tal-Ewropa ħareġ rakkomandazzjoni dettaljata li tistabbilixxi 29 prinċipju għall-protezzjoni tal-informaturi, pereżempju li jenħtieġ li l-oneru tal-prova jkun fuq min iħaddem f'każijiet ta' allegata ritaljazżjoni<sup>32</sup>.

L-informaturi jeħtieġu assistenza legali u psikoloġika. L-għażla bejn finanzjament pubbliku jew privat għal servizzi ta' konsulenza u appoġġ tqajjem mistoqsijiet kumplessi dwar l-impatt fuq l-indipendenza tagħhom. Eżempji mir-Renju Unit u mill-Pajjiżi l-Baxxi juru li hemm modi differenti ta' kif jiġi żgurat l-appoġġ. Fir-Renju Unit, organizzazzjoni karitatevoli li tiffinanzja lilha nnifisha, imsejħa Public Concern at Work, għandha rwol ewlieni. In-Netherlands riċentament stabbilixxew Kamra għall-Informaturi (Huis voor Klokkenluiders), parti mill-Ombudsman Nazzjonali, sabiex tittratta r-rapporti mis-settur pubbliku u minn dak privat, tipprovdi pariri u tibda investigazzjonijiet dwar l-għemil ħażin irrapportat.

---

<sup>32</sup> Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-protezzjoni tal-informaturi [http://www.coe.int/t/dghl/standardsetting/cj/Whistleblowers/protecting\\_whistleblowers\\_en.asp](http://www.coe.int/t/dghl/standardsetting/cj/Whistleblowers/protecting_whistleblowers_en.asp).

Bħal f'oqasma oħrajn, l-implimentazzjoni hija fundamentali. Xi pajjiżi huma ġeneralment meqjusa bħala li għandhom leġislazzjoni tajba dwar l-informaturi, iżda din mhijiex qed tiġi implimentata biżżejjed fil-prattika<sup>33</sup>. Waħda mill-konklużjonijiet ta' sessjoni ta' ħidma għall-kondiviżjoni tal-esperjenza organizzata mill-Kummissjoni fl-2015 hija li liġi x'aktarx tkun aktar effettiva jekk l-adozzjoni tagħha tkun ir-riżultat ta' dibattitu pubbliku wiesa' u sforz ta' sensibilizzazzjoni, bis-soċjetà ċivili għandha rwol ewlieni f'dawn id-dibattiti<sup>34</sup>.

### 3.6. L-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u s-sanzjonar tal-korruzzjoni

Il-kapaċità ta' sistema ġudizzjarja li timponi sanzjonijiet kriminali dissważivi għandha rwol ta' deterrent kbir u hija sinjal ċar li l-korruzzjoni mhijiex ittollerata.

It-tneħħija tal-isfidi għall-kapaċità tal-ġudikatura li tipprosegwixxi u tikkastiga l-korruzzjoni b'mod effettiv tista' tinvolvi miżuri relatati mal-kwistjonijiet proċedurali, baġitarji u tal-kwalità tal-persunal. Miżuri oħrajn jinvolvu t-trattament ta' dispożizzjonijiet legali eċċessivi jew mhux ċari dwar it-tneħħija ta' immunitajiet u statuti ta' limitazzjonijiet li jimpedixxu l-finalizzazzjoni ta' kawżi kumplessi, notevolment flimkien ma' proċedimenti li jieħdu fit-tul jew regoli inflessibbli dwar l-aċċess għal informazzjoni bankarja li jfixklu l-investigazzjonijiet finanzjarji u l-kooperazzjoni transkonfinali.

---

<sup>33</sup> Transparency International, 'L-Iżvelar ta' Informazzjoni Protetta fl-Ewropa: Protezzjoni legali għall-informaturi fl-UE' ('Whistleblowing in Europe: Legal protections for whistleblowers in the EU'), <https://www.coe.int/en/web/cdcj/activities/protecting-whistleblowers>.

<sup>34</sup> Programm għall-Kondiviżjoni tal-Esperjenza Kontra l-Korruzzjoni (Anti-Corruption Experience Sharing Programme) [http://ec.europa.eu/dgs/home-affairs/what-we-do/policies/organised-crime-and-human-trafficking/corruption/experience-sharing-programme/index\\_en.htm](http://ec.europa.eu/dgs/home-affairs/what-we-do/policies/organised-crime-and-human-trafficking/corruption/experience-sharing-programme/index_en.htm).

Madankollu, l-element essenzjali għat-trattament tal-kawżi ta' korruzzjoni b'mod effettiv, inkluż f'livelli għoljin, huwa l-kapaċità tal-ġudikatura li taġixxi b'mod indipendenti, billi tagħti ġustizzja f'kawżi ta' korruzzjoni b'mod oġġettiv u imparzjali mingħajr ebda influwenza illegali.

L-indipendenza reali u perċepita<sup>35</sup> tal-ġudikatura għandha wkoll impatt fuq il-prevenzjoni ġenerali tal-kriminalità, inklużi reati kriminali relatati mal-korruzzjoni.

L-integrità fil-ġudikatura hija fundamentali għall-iżgurar tal-indipendenza u l-imparzjalità. Il-korruzzjoni mhijiex biss kwistjoni tar-relazzjoni bejn il-membri tal-persunal ġudizzjarji u oħrajn (partijiet pubbliċi u privati, prosekuturi u dawk akkużati f'kawżi kriminali); hija tikkonċerna wkoll ir-relazzjonijiet interni fil-ġudikatura, inklużi l-ħatriet, l-allokazzjoni tal-kawżi u l-opportunitajiet ta' karriera. Aspettattivi ċari dwar l-integrità, mogħdija ta' karriera definita b'mod ċar u proċeduri ta' ħatra kredibbli u bbażati fuq il-mertu fil-livelli kollha jikkontribwixxu bil-kbir għal ġudikatura indipendenti li tiffunzjona tajjeb.

## 4. EŻAMI BIR-REQQA TAS-SITWAZZJONI ATTWALI TAL-POLITIKA

Bħal kull bidla istituzzjonali jew leġislazzjoni, jista' jkun hemm xi implikazzjonijiet baġitarji f'termini tar-riżorsi (l-aktar dawk umani), kif ukoll spejjeż fuq terminu qasir għal sistemi tal-IT ġodda, pereżempju. Il-bidliet strutturali u leġislattivi jagħtu riżultati, l-aktar fuq terminu minn medju sa twil, u l-benefiċċji fit-tul ġew ivvalutati bħala li jegħlbu b'mod sostanzjali kwalunkwe spejjeż fuq terminu qasir. Mill-politiki għat-tnaqqis tal-korruzzjoni jibbenifikaw in-negozji dinamiċi u kompetittivi, il-

---

<sup>35</sup> It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE (2016) tinkludi r-riżultati tal-istħarriġ tal-Ewrobarometru dwar l-indipendenza ġudizzjarja perċepita mill-perspettiva tal-individwi u tan-negozji.



kontribwenti u s-soċjetà b'mod ġenerali, filwaqt li dawn jillimitaw l-opportunitajiet għall-abbuż mid-drittijiet akkwiziżiti.

L-eżempji li ġejjin mill-Istati Membri juru firxa ta' politiki li ġew implimentati jew li jinsabu fil-proċess li jiġu implimentati. Għalkemm ma teżisti ebda soluzzjoni ta' 'daqs wieħed għal kulħadd' għall-problema tal-korruzzjoni, jenħteġ li dawn l-eżempji qosra jitqiesu bħala studji ta' każijiet dwar dak li jista' jinkiseb b'rieda politika suffiċjenti u attenzjoni għad-dettalji tekniċi.

### **Il-promozzjoni attiva tal-integrità tas-settur pubbliku fin-Netherlands**

L-integrità, it-trasparenza u l-akkontabilità huma promossi b'mod attiv fl-amministrazzjoni pubblika tan-Netherlands. L-Uffiċċju għall-Promozzjoni tal-Integrità tas-Settur Pubbliku (BIOS), stabbilit mill-Ministeru għall-Intern u r-Relazzjonijiet tar-Renju, huwa istitut indipendenti li jinkoraġġixxi u jappoġġja s-settur pubbliku fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' politiki tal-integrità.

Barra minn hekk, ħafna bliet u komunitajiet tal-Pajjiżi l-Baxxi qed jimplementaw politika lokali tal-integrità, li tejbet l-iskoperta ta' każijiet ta' integrità. Il-politiki lokali tal-integrità evolwew matul l-aħħar 20 sena u saru parti integrali mill-governanza lokali.

### **Sistema ta' dikjarazzjoni tal-assi u tal-imġaxxijiet fir-Rumanija**

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Integrità (ANI) ġiet stabbilita fir-Rumanija fl-2007 sabiex tivverifika d-dikjarazzjonijiet tal-assi, l-inkompatibiltajiet potenzjali u l-kunflitti ta' interess tal-uffiċjali pubbliċi. L-Aġenzija bdiet topera fl-2008. It-triq lejn it-twaqqif ta' aġenzija funzjonali kienet teħtieġ sforzi kbar, iżda saru sforzi sinifikanti sabiex tiġi żviluppata u kkonsolidata l-kapaċità istituzzjonali tal-Aġenzija u ġurisprudenza konsistenti fil-qrati. L-ANI stabbilixxiet rekord konsistenti ta' investigazzjonijiet, sejbiet/riferimenti u sanzjonijiet. L-ANI stabbilixxiet ukoll portal pubbliku fejn jiġu ppubblikati d-dikjarazzjonijiet kollha tal-assi u tal-imġaxxijiet sottomessi minn uffiċjali pubbliċi, miżura importanti għat-

trasparenza. B'kollox, l-Aġenzija tipproċessa aktar minn nofs miljun dikjarazzjoni kull sena. Ittieħdu wkoll passi sabiex tiġi pprovduta gwida dwar l-inkompatibiltajiet u l-kunflitti ta' interess u dwar it-tlestija ta' dikjarazzjonijiet tal-assi u tal-imġaxxijiet, kif ukoll sabiex il-punti ta' kuntatt jitħarrġu fl-istituzzjonijiet pubbliċi, bil-għan li jitqajjem għarfien u jittejbu l-effiċjenza u l-preċiżjoni tal-proċedura tas-sottomissjoni tad-dikjarazzjonijiet.

### **Il-protezzjoni tal-informaturi fl-Irlanda u fir-Renju Unit**

L-Att tar-Renju Unit dwar id-Divulgazzjoni tal-Infommazzjoni Pubblika tal-1998 huwa meqjus b'mod wiesa' bħala pijunier fl-UE<sup>36</sup>. Il-liġi tar-Renju Unit għandha l-għan li tiproteġi l-interess pubbliku billi tiproteġi lill-individwi fuq il-post tax-xogħol li jagħmlu divulgazzjonijiet dwar għemil ħażin, mhux limitat għall-korruzzjoni. Il-liġi tar-Renju Unit tipprovdi wkoll mudell tajjeb f'xi aspett ieħor: l-approċċ gradwali tiegħu jinkoraġġixxi rapporti interni jew rapporti lir-regolaturi fl-ewwel lok, fejn possibbli, u jippermetti divulgazzjonijiet usa' meta jkun għustifikati. Divulgazzjoni esterna tirrikjedi livell ogħla ta' sostanzjament.

L-Att tal-Irlanda dwar id-Divulgazzjonijiet Protetti tal-2014 jibni fuq is-sistema tar-Renju Unit u jkompli billi jirrikjedi li l-korpi tas-settur pubbliku jdaħħlu fis-seħħ politiki dwar l-iżvelar ta' infommazzjoni protetta li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Att. Huwa japplika għall-impjegati fis-settur pubbliku u f'dak privat, il-kuntratturi, l-apprendisti, il-persunal tal-aġenzija, l-impjegati preċedenti u l-persuni li qegħdin ifittxu impjieg. Kuntrarju għal-liġijiet f'pajjiżi oħrajn li jitolbu lill-informaturi juru li huma jaġixxu f'bona fede' jew fl-'interess pubbliku', fl-Irlanda, il-motivazzjoni sabiex issir id-divulgazzjoni

<sup>36</sup> Għal aktar dettalji, ara 'Toolbox on the quality of public administration', p. 139 <http://ec.europa.eu/esf/BlobServlet?docId=13941&langId=en>.

hija irrilevanti. Id-dispożizzjonijiet jinkoraġġixxu lill-kategoriji kollha ta' individwi elenkati hawn fuq sabiex jirrapportaw kwalunkwe għemil ħażin u jagħmluha aktar faċli li ssir id-difiża ta' dak ir-rapportar. Eżenzjoni temporanja hija disponibbli għal dawk li tkeċċew minħabba li għamlu divulgazzjoni protetta. Il-liġi Irlandiża tistabbilixxi wkoll li 'benefiċjarju ta' divulgazzjonijiet' indipendenti — imħallef, li għadu jservi jew li huwa rtirat — għandu jirċievi divulgazzjonijiet li jkun fihom materjal sensitiv ħażna.

### **It-trasparenza u l-użu ta' data miftuħa u akkwist elettroniku għall-prevenzjoni u l-iskoperta ta' korruzzjoni fil-Kroazja, l-Estonja, il-Portugall u s-Slovenja**

Il-ġbir, il-monitoraġġ u l-pubblikazzjoni regolari u sistematiċi ta' data komprensiva dwar l-akkwist pubbliku jippermettu trasparenza akbar u jgħinu sabiex jipprevjenu l-korruzzjoni.

L-applikazzjoni online tas-'Supervisor' tal-Kummissjoni Slovena għall-Prevenzjoni tal-Korruzzjoni tipprovdi informazzjoni dwar it-tranżazzjonijiet kummerċjali ta' varjetà wiesgħa ta' korpi pubbliċi, li tindika l-partijiet kontraenti, l-akbar benefiċjarji, l-entitajiet legali relatati, id-dati, l-ammonti u l-iskop tat-tranżazzjonijiet. Hija toffri ħażna ġenerali lejn il-medja ta' €4.7 biljun fis-sena minfuqa mis-settur pubbliku fuq oġġetti u servizzi. Hija tipprovdi wkoll dettalji dwar il-bordijiet maniġerjali u superviżorji tal-kumpaniji kollha tal-istat u kkontrollati mill-istat u r-rapporti annwali tagħhom. Din is-sistema ta' trasparenza tagħmilha aktar faċli sabiex jinstabu irregolaritajiet fil-kuntratti pubbliċi u l-infiq.

Il-Portugall għandu web portal nazzjonali, BASE, sabiex jiċċentralizza l-informazzjoni dwar l-akkwist pubbliku. BASE jirċievi data dwar proċeduri miftuħa u ristretti ta' qabel l-għoti mill-edizzjoni elettronika tal-Ġurnal Uffiċjali Portugiż u mill-pjattaformi elettroniċi ċċertifikati. L-awtoritajiet kontraenti pubbliċi kollha jużaw il-parti tal-portal riżervata sabiex jirreġistraw id-data tal-kuntratt, itellgħu l-kuntratti nfushom u

jirreġistraw l-informazzjoni dwar l-eżekuzzjoni tagħhom. Bejn l-2008 u l-2011, BASE rreklama biss il-kuntratti li jirrigwardjaw għotjiet diretti. Minn Jannar 2012, BASE jrid jirreklama l-kuntratti kollha li jirriżultaw mit-tipi ta' proċeduri kollha li jaqgħu taħt il-Kodiċi tal-Kuntratti Pubbliċi. Huwa jippubblika wkoll informazzjoni dwar l-eżekuzzjoni ta' kuntratt.

F'Marzu 2013, ġew immedija web portal u bażi ta' data elettronika għall-akkwist pubbliku minn NGO lokali fil-Kroazja. Il-baży ta' data tikkonsolida l-informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-proċeduri tal-akkwist pubbliku u l-kumpaniji involuti fi proċeduri bħal dawn. Din hija disponibbli għall-pubbliku mingħajr ħażna. Il-baży ta' data elettronika fiha wkoll informazzjoni dwar l-assi u l-imgħaxijiet tal-uffiċjali pubbliċi, f'konformità mar-regoli dwar id-dikjarazzjoni tal-assi. Tali data aggregata tippermetti li jitwettqu kontroverifiki.

### **Il-prosekuzzjoni ta' tixħim barrani fir-Renju Unit**

L-Istati Membri li jindirizzaw il-korruzzjoni b'mod effettiv fi ħażna il-fruntieri tagħhom spiss jiffaċċjaw sfidi marbuta mal-imgħiba tal-kumpaniji tagħhom barra l-pajjiż, speċjalment f'pajjiżi fejn il-prassi korrotti huma mifruxa.

L-Att tar-Renju Unit dwar it-Tixħim tal-2010 jipprovdi qafas legali li jeċċedi r-rekwiżiti tal-Konvenzjoni tal-OECD Kontra t-Tixħim. L-awtoritajiet ippubblikaw ukoll linji gwida<sup>37</sup> maħsuba biex jgħinu lin-negozji jadattaw għall-Att dwar it-Tixħim tal-2010.

Speċifikament, l-Att dwar it-Tixħim tal-2010 jintroduċi obbligazzjoni stretta għal negozju li jonqos milli jwaqqaf lill-persuni assoċjati milli jxaħħmu f'ismu sabiex jikseb jew iżomm negozju jew vantaġġ relatat. B'hekk, l-organizzazzjonijiet kummerċjali jwettqu r-reat li jonqsu milli

<sup>37</sup> Linji Gwida tal-Uffiċċju dwar Frodi Serji

<https://www.sfo.gov.uk/publications/guidance-e-policy-and-protocols/bribery-act-guidance/>.

jwaqqfu t-tixħim jekk l-impjegati jew persuni assoċjati oħrajn iwettqu reati ta' tixħim. Jekk l-organizzazzjoni kummerċjali jkollha proċeduri adegwati fis-seħħ, hija tista' tużahom fid-difiża tagħha. Bit-twaqqif ta' inċentivi b'saħħithom bħal dawn sabiex il-kumpaniji jipprevjenu t-tixħim, l-Att jitqies li huwa deterrent effettiv u wassal sabiex il-kumpaniji jadottaw proċeduri ta' prevenzjoni komprensivi.

L-Uffiċċju dwar Frodi Serji (SFO) tar-Renju Unit wera rekord<sup>38</sup> ta' investigazzjoni u prosekuzzjoni ta' każijiet serji ta' tixħim barrani, inklużi każijiet li jirrigwardjaw l-attivitajiet ta' negozji prominenti tar-Renju Unit. Dan l-aħħar, huwa ggarantixxa żewġ ftehimiet ta' prosekuzzjoni differita<sup>39</sup> f'kawżi mressqa skont it-Taqsima 7 tal-Att dwar it-Tixħim tal-2010, li tirreferi għannuqqas li jiġi evitat it-tixħim.

Data: 22.11.2017

---

<sup>38</sup> Kawżi tal-Uffiċċju dwar Frodi Serji  
<https://www.sfo.gov.uk/our-cases/>.

<sup>39</sup> Ftehimiet ta' Prosekuzzjoni Differita  
<https://www.sfo.gov.uk/publications/guidance-policy-and-protocols/deferred-prosecution-agreements/>.

## 5. RIŻORSI UTLI

- Rapport tal-UE Kontra l-Korruzzjoni  
[https://ec.europa.eu/home-affairs/what-we-do/policies/organized-crime-and-human-trafficking/corruption/anti-corruption-report\\_en](https://ec.europa.eu/home-affairs/what-we-do/policies/organized-crime-and-human-trafficking/corruption/anti-corruption-report_en)
- Sett ta' għodod dwar il-kwalità tal-amministrazzjoni pubblika (Toolbox on the quality of public administration)  
<http://ec.europa.eu/esf/toolbox>
- Indikaturi tal-Governanza Dinjija tal-Bank Dinji  
<http://info.worldbank.org/governance/wgi/pdf/WGi.pdf>
- OECD Principles for Integrity in Public Procurement  
<http://www.oecd.org/gov/ethics/48994520.pdf>
- Il-Kummissjoni Ewropea, Statistika Uffiċjali dwar il-Korruzzjoni (Official Corruption Statistics)  
[http://ec.europa.eu/dgs/home-affairs/what-we-do/policies/organized-crime-and-human-trafficking/corruption/docs/official\\_corruption\\_statistics\\_2011\\_2013\\_jan16\\_en.pdf](http://ec.europa.eu/dgs/home-affairs/what-we-do/policies/organized-crime-and-human-trafficking/corruption/docs/official_corruption_statistics_2011_2013_jan16_en.pdf)
- Il-Kunsill tal-Ewropa, Grupp ta' Stati kontra l-Korruzzjoni (Group of States against Corruption)  
[http://www.coe.int/t/dghl/monitoring/greco/evaluations/index\\_en.asp](http://www.coe.int/t/dghl/monitoring/greco/evaluations/index_en.asp)
- Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Protezzjoni tal-Informaturi (Council of Europe Recommendation on Whistleblower protection)  
[http://www.coe.int/t/dghl/standardsetting/cdcj/Whistleblowers/protecting\\_whistleblowers\\_en.asp](http://www.coe.int/t/dghl/standardsetting/cdcj/Whistleblowers/protecting_whistleblowers_en.asp)